MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## SCIBERRAS PHILIP LL.D.

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 1981/1999/1

**Lucia Bassiousy Passiouny**

**Vs**

**Dr. Edwina Chetcuti u l-PL Mario Mifsud Bonnici li b'digriet tad-29 ta' Lulju 1999 gew nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti Issam Rashid sive Essam Rashed Bassiousy Passiouny.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-partijiet ghaddew minn cerimonja ta' zwieg fir-Registru Pubbliku nhar is-7 ta' Lulju 1999 (Dok A);

Premess illi l-konvenut irrenda ruhu hati ta' abbandun minghajr raguni versu l-attrici;

Premess illi in oltre, iz-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment;

Premess illi l-attrici giet awtorizzata illi taghmel din il-kawza b'digriet tas-26 ta' Awissu u markat Dok. B;

Talbet ghalhekk l-attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti bi htija tal-konvenut;

2. Tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti;

3. Tiddikjara l-konvenut dekadut minn kull dritt ta' manteniment jew dritt ta' successjoni u kull dritt iehor kontra martu;

4. Tawtorizza illi l-attrici tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe` Barbara u dan a tenur ta' l-artikolu 62 subinciz 1 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attrici, l-elenku tad-dokumenti minnha esebiti u l-lista tax-xhieda indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati Dr. Edwina Chetcuti u l-PL Mario Mifsud Bonnici nominati biex jirrapprezentaw lill-assenti konvenut illi fiha huma eccipew:-

Illi ma kienux edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirriservaw illi jressqu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-kuraturi deputati, u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat il-Verbal ta’ l-Udjenza tad-19 ta’ Mejju 2000 fejn giet nominata l-Assistent Gudizzjarja Dr. Greta Mifsud Agius biex tigbor il-provi;

Rat in-nota ta’ l-osservazzjonijiet ipprezentata mill-attrici ;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:-

F'din il-kawza l-attrici tippremetti qabel xejn illi z-zwieg taghha mal-konvenut assenti tkisser irremedjabilment u zewgha hu, fil-konfront taghha, mhux biss hati ta' abbandun kif allegat minnha fic-citazzjoni izda wkoll ta' sevizzi, eccessi u ingurji gravi. Dan kif hekk jinsab espress fid-dikjarazzjoni akkumpanjanti c-citazzjoni;

Biex issostni dawn l-allegazzjonijiet, bazi ta' l-azzjoni taghha, l-attrici tirrakkonta x'kien wassalha biex tizzewweg lill-konvenut. Bhal bosta nisa ohra li jisperjenzjaw qaghda simili - armla, ulied imharbta, u l-unika sussistenza taghhom il-pensjoni tar-romol - hi hasbet li biz-zwieg ma' ragel iehor, li tant ippromettilha u illuzingaha, li kienet ser issib l-eldorado. Sfortunatament dan huwa l-kaz tipiku fejn l-illuzjoni spiss tispicca f'dizilluzjoni. Effettivament jumejn biss fuq iz-zwieg celebrat fis-7 ta' Lulju 1992 zewgha telaq lura lejn pajjizu l-Egittu u ma rritornax lura. L-attrici intavolat il-kawza fit-13 ta' Settembru 1999;

Ghal dak li hu abbandun il-fatti f'dan il-kaz jirrivestu r-raguni stabbilita fl-Artikolu 41 tal-Kodici Civili billi wkoll hawn l-attrici giet abbandunata ghal aktar minn sentejn u minghajr raguni tajba. Akkoppjat ma' dan hemm il-hsieb dottrinali li jafferma illi "*la persistenza e la continuita` in tal caso, anzi, attribuerebbere all' abbandono un carattere ingiurioso*" (Baudry - "Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile", **Vol. IV pag. 30 para. 46** senjalat b'approvazzjoni fid-decizjoni a **Vol. XXVI P II p 9**);

Ghal dawn il-motivi biss id-domanda principali ta' l-attrici timmerita li tigi milqugha;

Fejn din il-Qorti ma taqbilx ma' l-attrici hi t-talba taghha biex tirreverti ghal kunjom 'Barbara' (li ma huwiex kunjom xbubitha "D'Emanuele" kif hekk irid l-Artikolu 62 tal-Kodici Civili) akkwistat minnha bi zwieg ma' l-ewwel ragel taghha premort, Alfred Barbara. Dan ghaliex meta l-hsieb tal-legislatur hu artikolat f'ligi preciza ma jidhirx li hu konsentit li l-kwistjoni tigi rizolta mhux skond id-dettam tal-ligi imma skond l-arbitriju. Fit-test ta' l-Artikolu 62 ma tirrizulta l-ebda kontradittorjeta` fiha nnifisha li kapaci tnissel xi dubbju x'effettivament ried il-legislatur, u li per konsegwenza l-gudikant jehtieglu jezamina r-'ratio' jew il-'mens' legis, biex jinterpreta s-sens skond l-intenzjoni tal-legislatur u jaghti dik l-interpretazzjoni li tikkorrispondi ghall-ispirtu nformativ tal-ligi, kif hekk kien il-kaz f'xi decizjonijiet. Vide **Vol. XXXIII P I p 103; Vol. XXXVII P I p 179** u **Vol. XLV P I p 408**;

Difficli timmagina intenzjoni tal-legislatur espressa b'mod mill-aktar palesi u enfatiku minn dak li nsibu fl-Artikolu 62 tal-Kap. 16. L-intenzjoni tal-legislatur, u ghalhekk l-ispirtu tal-ligi, hu dak hemm espress, jigifieri li l-mara tista' taghzel li tirriverti ghal "kunjom xbubitha" u mhux ukoll ghal kunjom taghha ta' armla mill-ewwel zwieg taghha;

Jekk kif argomentat mill-attrici fin-nota taghha din il-Qorti kellha tammetti l-analogija din tkun perikolazament qed tillegisla u tinoltra f'kamp li mhux taghha jew rizervat lilha. Certament il-gudikant ma jistax, u mhux konsentit, li juza l-arbitriju tieghu f'materja bhal din minghajr ma jaghmilha wkoll ta' legislatur. Il-Qorti tissimpatizza ma' l-apprensjoni ta' l-attrici izda fl-istess waqt ma tistax tinjora l-portata tal-massima maghruga "*ubi lex voluit, dixit*".

Ghal dawn il-motivi;

Tilqa' l-Ewwel Talba ta' l-attrici u tippronunzja s-separazzjoni personali ghall-motivi imputabbli lill-konvenut;

Tilqa' t-Tieni Domanda u tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti b'dan illi qed tastjeni milli tillikwida u tassenja l-istess billi ma jirrizultaw l-ebda assi appartenenti lill-komunjoni;

Tilqa' t-Tielet Domanda u tiddikjara lill-konvenut dekadut minn kull dritt ta' alimenti minghand l-attrici u jew drittijiet ohra, komprizi dawk successjorji;

Tichad ir-Raba' Domanda ghal motivi fuq dedotti;

Salv l-ispejjez tal-kuraturi nominati biex jirrapprezentaw lill-konvenut assenti li huma a kariku ta' l-attrici, l-ispejjez l-ohra kollha ghandu jbatihom il-konvenut.

(ft) Philip Sciberras

___________________________

Onor. Philip Sciberras
Imhallef

(ft) Emanuel Sciriha

______________________

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur